

Brussell, 9 ta' Frar 2024
(OR. en)

6182/24
ADD 1

FIN 121
PE-L 6

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit	
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill	
Suġġett:	Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-impriżi konġunti fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022	
	– <i>Adozzjoni</i>	
	– <i>Approvazzjoni ta' ittra</i>	
ANNESS 1:	Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E JU).....	2
ANNESS 2:	Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR 3 JU).....	6
ANNESS 3:	Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa (CA JU).....	10
ANNESS 4:	Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva (IHI JU).....	14
ANNESS 5:	Impriża Konġunta Idroġenu Nadif (Clean H2 JU).....	17
ANNESS 6:	Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin (KDT JU).....	21
ANNESS 7:	Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika (CBE JU).....	25
ANNESS 8:	Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea (EU-Rail JU).....	29
ANNESS 9:	Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC JU).....	33

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL
ta'
dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur
tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E JU)
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit
tal-F4E JU
għas-sena finanzjarja 2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxi l-vantaġġi fuqha¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tagħha u r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tal-Anness għaliha,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni adottat mill-Bord ta' Tmexxija tagħha fl-10 ta' Diċembru 2019,

¹ ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2022 u l-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2022 tal-Impriża Konġunta għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (F4E JU), minn hawn 'il quddiem l-"Impriża Konġunta", kif ukoll ir-rapport mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2022, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Impriża Konġunta għall-osservazzjonijiet tal-Qorti¹,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2022 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-rakkomandazzjoni; Billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami ta' hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur tal-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ ĠU C, C/2023/1025, 16.11.2023.

KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW
IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA
TINGĦATA LILL-IMPRIŻA KONĠUNTA EWROPEA GĦALL-ITER U L-IŻVILUPP
TAL-ENERĠIJA MILL-FUŻJONI (F4E JU)

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2022 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Minkejja dan, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jinnota bi tħassib l-osservazzjoni tal-Qorti dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2022, speċifikament id-divulgazzjoni tal-istima għall-ispiża totali tal-issodisfar tal-obbligi ta' twettiq għall-proġett ITER, stima bbażata fuq is-suppożizzjonijiet tal-istadju importanti u tal-ispejjeż tal-2016. F'dan ir-rigward, il-Kunsill huwa mħasseb dwar ir-riskju potenzjali assoċjat ma' bidliet fis-suppożizzjonijiet ewlenin u l-iskopertura għar-riskju, li jistgħu jwasslu għal żidiet sinifikanti fl-ispejjeż u/jew dewmien addizzjonali fl-implimentazzjoni. Dan ir-riskju huwa aggravat aktar mit-tnaqqis fl-attivitajiet operazzjonali, li jirriżulta f'rata baxxa ta' implimentazzjoni tal-baġit impenjat tiegħu, kif enfasizzat mill-Qorti fl-awditu tagħha.

Il-Kunsill jiddispjaċih dwar l-osservazzjoni tal-Qorti dwar dgħufijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Impriża Konġunta, speċifikament l-instabbiltà fil-livell tal-maniġment superjuri u n-nuqqasijiet kemm fis-sistema ta' mmaniġġjar tar-riskju kif ukoll fil-ġestjoni tal-kuntratti. Il-Kunsill jaqsam it-tħassib tal-Qorti rigward ir-rata għolja ta' dawran fil-maniġment superjuri, filwaqt li jirrikonoxxi r-riskju potenzjali li din toħloq għall-ġestjoni effettiva u t-teħid tad-deċizzjonijiet fi ħdan l-Impriża Konġunta, partikolarment meħtieġa għal implimentazzjoni effettiva tal-linji bażi l-ġodda tal-ITER.

Il-Kunsill jiddispjaċih dwar is-sejbiet tal-Qorti fil-ġestjoni ta' kuntratt ta' valur għoli (EUR 500 miljun), fejn valutazzjoni ineffiċjenti u nuqqas ta' żamma ta' rekords tad-devjazzjonijiet tal-kuntrattur irriżultaw f'interpretazzjonijiet differenti u nuqqas ta' qbil fost il-partijiet, li kellhom impatt sinifikanti fuq il-kisba tal-oġġettivi tal-kuntratt u jistgħu potenzjalment jaffettwaw attivitajiet operazzjonali oħra wkoll. Il-Kunsill jistieden lill-Impriża Konġunta biex tirrimedja n-nuqqasijiet, filwaqt li jilqa' l-impenn tal-Impriża Konġunta li ttejjeb il-ġestjoni tal-akkwist u tal-kuntratti.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL
ta'
dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv
tal-Impriża Konġunta għar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku
Ewropew (SESAR 3)
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit
tal-Impriża Konġunta SESAR 3
għas-sena finanzjarja 2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta SESAR 3 adottati mill-Bord ta' Tmexxija tagħha fil-14 ta' Diċembru 2021,

¹ ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2022 u l-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2022 tal-Impriża Konġunta SESAR 3, minn hawn 'il quddiem l-"Impriża Konġunta", kif ukoll ir-rapport mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2022, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Impriża Konġunta għall-osservazzjonijiet tal-Qorti¹,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2022 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-rakkomandazzjoni; Billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami ta' hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ ĠU C, C/2023/1025, 16.11.2023.

KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW
IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA
TINGĦATA
LILL-IMPRIŻA KONĠUNTA GĦAR-RIĊERKA DWAR IL-ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU
BL-AJRU TAL-AJRU UNIKU EWROPEW (SESAR 3 JU)

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2022 u r-risultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Minkejja dan, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jieħu nota tas-sejba tal-Qorti li ma ġietx divulgata biżżejjed informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-Impriża Konġunta, li jagħmilha diffiċli li jiġu rikonċiljati l-kontribuzzjonijiet tal-UE fi flus kontanti u in natura u l-kisba tal-miri ta' kontribut legali tal-programmi rispettivi fi tmiem is-sena. Il-Kunsill għalhekk jilqa' l-fatt li l-Impriża Konġunta biħsiebha ssolvi bis-sħiħ din il-kwistjoni fil-kontijiet annwali tas-sena d-dieħla. Il-Kunsill jistieden lill-Impriża Konġunta biex tikkollabora mal-Kummissjoni sabiex tirċievi appoġġ fil-ħidma tagħha fuq mudell armonizzat għall-kontijiet annwali f'dan ir-rigward.

Il-Kunsill jinnota bi tħassib ir-rata baxxa ħafna ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' pagament operazzjonali taħt il-programm Orizzont 2020, li naqset għal 54 %, kif ukoll il-posponiment tal-biċċa l-kbira tal-proġetti u l-pagamenti finali rispettivi tagħhom għall-2023, minħabba problemi ta' konsenja relatati mal-COVID-19 u ż-żieda fl-ispejjeż li jiffaċċaw il-benefiċjarji tiegħu. Il-Kunsill jaqsam it-tħassib tal-Qorti li l-ġestjoni ta' diversi programmi tal-QFP tista' simultanjament ddgħajjef l-effettività tal-kontrolli interni tal-Impriża Konġunta u l-ġestjoni tagħha ta' dawn il-fondi, u ddewwem l-implimentazzjoni tal-programmi l-ġodda, u għalhekk jistieden lill-Impriża Konġunta tieħu azzjonijiet korrettivi, anke biex tevita effetti konsegwenzjali fuq programmi ġodda.

Fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u kontrolli għall-infiq taħt Orizzont 2020, il-Kunsill jilqa' l-osservazzjoni tal-Qorti li l-kontrolli tal-pagamenti operazzjonali huma ġeneralment sodi, kif ukoll l-impenn tal-Impriża Konġunta li tiegħu miżuri korrettivi biex tirkupra l-ammonti żejda mitluba relatati ma' żball sistemiku wieħed li nstab.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa, il-Kunsill jieħu nota tal-osservazzjoni tal-Qorti rigward l-appropriazzjonijiet ta' pagament tal-2022 mhux użati li għandhom jiġu eżegwiti fl-ewwel nofs tal-2023 mal-iffirmar tal-kuntratti u jirrikonoxxi t-tweġiba tal-Impriża Konġunta.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL
ta'
dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv
tal-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa (CA)
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit
tal-Impriża Konġunta CA
għas-sena finanzjarja 2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta Clean Sky 2 adottati mill-Bord ta' Tmexxija tagħha fis-27 ta' Jannar 2020,

¹ ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2022 u l-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2022 tal-Impriża Konġunta CA, minn hawn 'il quddiem l-"Impriża Konġunta", kif ukoll ir-rapport mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2022, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Impriża Konġunta għall-osservazzjonijiet tal-Qorti¹,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2022 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-rakkomandazzjoni; Billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami ta' hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ ĠU C, C/2023/1025, 16.11.2023.

KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW
IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GħANDHA
TINGĦATA
LILL-IMPRIŻA KONĠUNTA AVJAZZJONI NADIFA (CA JU)

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2022 u r-risultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Minkejja dan, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jieħu nota tas-sejba tal-Qorti li ma ġietx żvelata biżżejjed informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-Impriża Konġunta, li jagħmilha diffiċli li jiġu rikonċiljati l-kontribuzzjonijiet tal-UE fi flus kontanti u in natura u l-kisba tal-miri ta' kontribut legali tal-programmi rispettivi fi tmiem is-sena. Il-Kunsill għalhekk jilqa' l-fatt li l-Impriża Konġunta biħsiebha ssolvi bis-sħiħ din il-kwistjoni fil-kontijiet annwali tas-sena d-dieħla. Il-Kunsill jistieden lill-Impriża Konġunta biex tikkollabora mal-Kummissjoni sabiex tirċievi appoġġ fil-ħidma tagħha fuq mudell armonizzat għall-kontijiet annwali f'dan ir-rigward.

Il-Kunsill jinnota t-tnaqqis fir-rata ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' pagament operazzjonali taħt il-programm Orizzont 2020 għal 78 %, kif ukoll il-posponiment tal-biċċa l-kbira tal-proġetti u l-pagamenti finali rispettivi tagħhom għall-2023, minħabba problemi ta' konsenja relatati mal-COVID-19 u ż-żieda fl-ispejjeż li jiffaċċjaw il-benefiċjarji tiegħu. Il-Kunsill jaqsam it-tħassib tal-Qorti li l-ġestjoni ta' diversi programmi tal-QFP tista' simultanjament ddgħajfef l-effettività tal-kontrolli interni tal-Impriża Konġunta u l-ġestjoni tagħha ta' dawn il-fondi, u ddewwem l-implimentazzjoni tal-programmi l-ġodda, u għalhekk jistieden lill-Impriża Konġunta tieħu azzjonijiet korrettivi, anke biex tevita effetti konsegwenzjali fuq programmi ġodda.

Fir-rigward tar-rata baxxa ta' implimentazzjoni tan-nefqa amministrattiva tal-Impriża Konġunta ta' 54 %, il-Kunsill jieħu nota li din hija prinċipalment ġustifikata minn servizzi pprovduti matul l-aħħar kwart tal-2022 li għadhom ma tħallsux fi tmiem is-sena, kif ukoll spejjeż imnaqqsa għas-servizzi pprovduti mill-Kummissjoni.

Fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għan-nefqa taħt Orizzont 2020, il-Kunsill jiddispjaċih dwar is-sejba tal-Qorti li f'każ wieħed ġie identifikat żball serju, li rriżulta minn spiża tal-persunal iddikjarata żżejjed mill-benefiċjarju. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-impenn tal-Impriża Konġunta li timplimenta miżuri biex tirrimedja u timmitiga riskju simili fil-futur.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL
ta'
dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv
tal-Impriża Konġunta Inizjattiva għal Saħħa Innovattiva (IHI)
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit
tal-Impriża Konġunta IHI
għas-sena finanzjarja 2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi 2 adottati mill-Bord ta' Tmexxija tagħha fis-27 ta' Mejju 2020,

¹ ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2022 u l-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2022 tal-Impriża Konġunta IHI, minn hawn 'il quddiem l-"Impriża Konġunta", kif ukoll ir-rapport mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2022, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Impriża Konġunta għall-osservazzjonijiet tal-Qorti¹,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2022 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-rakkomandazzjoni; Billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami ta' hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ ĠU C, C/2023/1025, 16.11.2023.

KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW
IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GħANDHA
TINGĦATA
LILL-IMPRIŻA KONĠUNTA INIZJATTIVA GħAL SAħĦA INNOVATTIVA (IHI JU)

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2022 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Minkejja dan, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jieħu nota tas-sejba tal-Qorti li ma ġietx żvelata biżżejjed informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-Impriża Konġunta, li jagħmilha diffiċli li jiġu rikonċiljati l-kontribuzzjonijiet tal-UE fi flus kontanti u in natura u l-kisba tal-miri ta' kontribut legali tal-programmi rispettivi fi tmiem is-sena. Il-Kunsill għalhekk jilqa' l-fatt li l-Impriża Konġunta biħsiebha ssolvi bis-sħiħ din il-kwistjoni fil-kontijiet annwali tas-sena d-dieħla. Il-Kunsill jistieden lill-Impriża Konġunta biex tikkollabora mal-Kummissjoni sabiex tirċievi appoġġ fil-ħidma tagħha fuq mudell armonizzat għall-kontijiet annwali f'dan ir-rigward.

Il-Kunsill jinnota t-tnaqqis fir-rata ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' pagament operazzjonali taħt il-programm Orizzont 2020 għal 87 %. Il-Kunsill jaqsam it-tħassib tal-Qorti li l-ġestjoni ta' diversi programmi tal-QFP tista' simultanjament ddgħajjef l-effettività tal-kontrolli interni tal-Impriża Konġunta u l-ġestjoni tagħha ta' dawn il-fondi, u ddewwem l-implimentazzjoni tal-programmi l-ġodda, u għalhekk jistieden lill-Impriża Konġunta tieħu azzjonijiet korrettivi, anke biex tevita effetti konsegwenzjali fuq programmi ġodda.

Fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għall-infiq taħt Orizzont 2020, il-Kunsill jilqa' l-fatt li t-tranżazzjonijiet, li l-Qorti ħadet kampjun tagħhom, huma ħielsa minn żbalji u dgħufijiet fil-kontroll.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL
ta'
dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv
tal-Impriża Konġunta Idroġenu Nadif (Clean H2)
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit
tal-Impriża Konġunta Clean H2
għas-sena finanzjarja 2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta Clean H2 adottati mill-Bord ta' Tmexxija tagħha fit-18 ta' Diċembru 2019,

¹ ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2022 u l-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2022 tal-Impriża Konġunta Clean H2, minn hawn 'il quddiem l-"Impriża Konġunta", kif ukoll ir-rapport mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2022, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Impriża Konġunta għall-osservazzjonijiet tal-Qorti¹,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2022 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-rakkomandazzjoni; Billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami ta' hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ ĠU C, C/2023/1025, 16.11.2023.

KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW
IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA
TINGĦATA
LILL-IMPRIŻA KONĠUNTA IDROĠENU NADIF (CLEAN H2 JU)

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2022 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Minkejja dan, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jieħu nota tas-sejba tal-Qorti li ma ġietx żvelata biżżejjed informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-Impriża Konġunta, li jagħmilha diffiċli li jiġu rikonċiljati l-kontribuzzjonijiet tal-UE fi flus kontanti u in natura u l-kisba tal-miri ta' kontribut legali tal-programmi rispettivi fi tmiem is-sena. Il-Kunsill għalhekk jilqa' l-fatt li l-Impriża Konġunta biħsiebha ssolvi bis-sħiħ din il-kwistjoni fil-kontijiet annwali tas-sena d-dieħla. Il-Kunsill jistieden lill-Impriża Konġunta biex tikkollabora mal-Kummissjoni sabiex tirċievi appoġġ fil-ħidma tagħha fuq mudell armonizzat għall-kontijiet annwali f'dan ir-rigward.

Il-Kunsill jinnota t-tnaqqis fir-rata ta' implimentazzjoni għall-approprijazzjonijiet ta' pagament operazzjonali taħt il-programm Orizzont 2020 għal 81 %, kif ukoll il-posponiment tal-biċċa l-kbira tal-proġetti u l-pagamenti finali rispettivi tagħhom għall-2023, minħabba problemi ta' konsenja relatati mal-COVID-19 u ż-żieda fl-ispejjeż li jiffaċċjaw il-benefiċjarji tiegħu. Il-Kunsill jaqsam it-tħassib tal-Qorti li l-ġestjoni ta' diversi programmi tal-QFP tista' simultanjament ddgħajfef l-effettività tal-kontrolli interni tal-Impriża Konġunta u l-ġestjoni tagħha ta' dawn il-fondi, u ddewwem l-implimentazzjoni tal-programmi l-ġodda, u għalhekk jistieden lill-Impriża Konġunta tieħu azzjonijiet korrettivi, anke biex tevita effetti konsegwenzjali fuq programmi ġodda.

Fir-rigward tar-rata baxxa ta' implimentazzjoni tan-nefqa amministrattiva ta' 62 % għall-impenji u 51 % għall-pagamenti, il-Kunsill jieħu nota tal-ġustifikazzjonijiet ipprovduti mill-Impriża Konġunta, b'mod partikolari s-sospensjonijiet tal-pagamenti, l-akkwist pospost u l-implimentazzjoni ta' kuntratt qafas. Madankollu, il-Kunsill iwissi fir-rigward tal-konformità mal-prinċipju tal-annwalità u jistieden lill-Impriża Konġunta biex tieħu azzjoni korrettiva, b'mod partikolari billi ttejjeb is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-baġit tagħha.

Il-Kunsill jiddispjaċih li, fil-kuntest tal-awditu ex post tagħha tal-pagamenti taħt Orizzont 2020, il-Qorti sabet, f'żewġ każijiet, żbalji serji relatati mal-ispejjeż tal-persunal u tat-tagħmir iddikjarati mill-benefiċjarji, jilqa' l-miżuri korrettivi mħabbra mill-Impriża Konġunta, u jistedinha tkompli ttejjeb is-sistemi tagħha ta' ġestjoni u kontroll tal-ġhotjiet biex timmitiga r-riskju ta' tali żbalji fil-futur.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL
ta'
dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv
tal-Impriża Konġunta Teknoloġiji Diġitali Ewlenin (KDT)
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit
tal-Impriża Konġunta KDT
għas-sena finanzjarja 2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta ECSEL adottati mill-Bord ta' Tmexxija tagħha fis-26 ta' Frar 2020,

¹ ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2022 u l-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2022 tal-Impriża Konġunta KDT, minn hawn 'il quddiem l-"Impriża Konġunta", kif ukoll ir-rapport mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2022, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Impriża Konġunta għall-osservazzjonijiet tal-Qorti¹,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2022 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-rakkomandazzjoni; Billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami ta' hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ ĠU C, C/2023/1025, 16.11.2023.

KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW
IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA
TINGĦATA
LILL-IMPRIŻA KONĠUNTA TEKNOLOĠIJI DIĠITALI EWLENIN (KDT JU)¹

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2022 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Minkejja dan, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jieħu nota tas-sejba tal-Qorti li ma ġietx żvelata biżżejjed informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-Impriża Konġunta, li jagħmilha diffiċli li jiġu rikonċiljati l-kontribuzzjonijiet tal-UE fi flus kontanti u in natura u l-kisba tal-miri ta' kontribut legali tal-programmi rispettivi fi tmiem is-sena. Il-Kunsill għalhekk jilqa' l-fatt li l-Impriża Konġunta biħsiebha ssolvi bis-sħiħ din il-kwistjoni fil-kontijiet annwali tas-sena d-dieħla. Il-Kunsill jistieden lill-Impriża Konġunta biex tikkollabora mal-Kummissjoni sabiex tirċievi appoġġ fil-ħidma tagħha fuq mudell armonizzat għall-kontijiet annwali f'dan ir-rigward.

Il-Kunsill jinnota t-tnaqqis fir-rata ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' pagament operazzjonali taħt il-programm Orizzont 2020 għal 74 %, kif ukoll il-posponiment tal-biċċa l-kbira tal-proġetti u l-pagamenti finali rispettivi tagħhom għall-2023, minħabba problemi ta' konsenja relatati mal-COVID-19 u ż-żieda fl-ispejjeż li jiffaċċjaw il-benefiċjarji tiegħu. Il-Kunsill jaqşam it-tħassib tal-Qorti li l-ġestjoni ta' diversi programmi tal-QFP tista' simultanjament ddgħajfef l-effettività tal-kontrolli interni tal-Impriża Konġunta u l-ġestjoni tagħhom ta' dawn il-fondi, u ddewwem l-implimentazzjoni tal-programmi l-ġodda, u għalhekk jistieden lill-Impriża Konġunta tieħu azzjonijiet korrettivi, anke biex tevita effetti konsegwenzjali fuq programmi ġodda.

¹ Minn Lulju 2023, l-Impriża Konġunta taċ-Ċipep, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/1782 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2085 li jistabbilixxi l-JUs fil-qafas ta' Orizzont Ewropa, fir-rigward tal-Impriża Konġunta dwar iċ-Ċipep.

Fir-rigward tar-rata baxxa ta' implimentazzjoni tan-nefqa amministrattiva ta' 63 % għall-pagamenti, il-Kunsill jieħu nota tal-ġustifikazzjonijiet, b'mod partikolari l-iffrankar fir-rigward ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni u l-posponiment ta' proġett tal-IT, u jistieden lill-Impriża Konġunta ttejjeb il-ġestjoni u l-ippjanar tal-baġit.

Fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għall-infiq taħt Orizzont 2020, il-Kunsill jilqa' li t-tranżazzjonijiet, li l-Qorti ħadet kampjun tagħhom, huma ħielsa minn żbalji u dgħufijiet fil-kontroll.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL
ta'
dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv
tal-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika (CBE)
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit
tal-Impriża Konġunta CBE
għas-sena finanzjarja 2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta dwar l-Industriji b'bażi Bijoloġika adottati mill-Bord ta' Tmexxija tagħha fl-1 ta' Jannar 2020,

¹ ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2022 u l-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2022 tal-Impriża Konġunta CBE, minn hawn 'il quddiem l-"Impriża Konġunta", kif ukoll ir-rapport mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2022, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Impriża Konġunta għall-osservazzjonijiet tal-Qorti¹,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2022 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-rakkomandazzjoni; Billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami ta' hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ ĠU C, C/2023/1025, 16.11.2023.

KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW
IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GħANDHA
TINGĦATA
LILL-IMPRIŻA KONĠUNTA EWROPA ĊIRKOLARI B'BAŻI BIJOLOĠIKA (CBE JU)

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2022 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Minkejja dan, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jieħu nota tas-sejba tal-Qorti li ma ġietx żvelata biżżejjed informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-Impriża Konġunta, li jagħmilha diffiċli li jiġu rikonċiljati l-kontribuzzjonijiet tal-UE fi flus kontanti u in natura u l-kisba tal-miri ta' kontribut legali tal-programmi rispettivi fi tmiem is-sena. Il-Kunsill għalhekk jilqa' l-fatt li l-Impriża Konġunta biġisiebha ssolvi bis-sħiħ din il-kwistjoni fil-kontijiet annwali tas-sena d-dieħla. Il-Kunsill jistieden lill-Impriża Konġunta biex tikkollabora mal-Kummissjoni sabiex tirċievi appoġġ fil-ħidma tagħha fuq mudell armonizzat għall-kontijiet annwali f'dan ir-rigward.

Il-Kunsill jiddispaċih li l-Impriża Konġunta mhux ser tilħaq il-mira prevista tal-kontribuzzjoni tal-membri privati għall-programm Orizzont 2020 u jistieden lill-Impriża Konġunta biex tirrimedja u timmitiga tali riskju għall-QFP attwali.

Il-Kunsill jinnota bi tħassib it-tnaqqis fir-rata ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' pagament operazzjonali taħt il-programm Orizzont 2020 għal 65 %, kif ukoll il-posponiment tal-biċċa l-kbira tal-proġetti u l-pagamenti finali rispettivi tagħhom għall-2023, minħabba problemi ta' konsenja relatati mal-COVID-19 u ż-żieda fl-ispejjeż li jiffaċċjaw il-benefiċjarji tiegħu. Il-Kunsill jaqsam it-tħassib tal-Qorti li l-ġestjoni ta' diversi programmi tal-QFP tista' simultanjament ddgħajfef l-effettività tal-kontrolli interni tal-Impriża Konġunta u l-ġestjoni tagħhom ta' dawn il-fondi, u ddewwem l-implimentazzjoni tal-programmi l-ġodda, u għalhekk jistieden lill-Impriża Konġunta tiegħu azzjonijiet korrettivi, anke biex tevita effetti konsegwenzjali fuq programmi ġodda.

Il-Kunsill jiddispjaċih dwar ir-rata baxxa ta' implimentazzjoni tan-nefqa amministrattiva tal-Impriża Konġunta ta' 55 % għall-pagamenti tas-salarji, minħabba dewmien fil-bidu tal-kuntratti tal-persunal reclutat għdid u jistieden lill-Impriża Konġunta ttejjeb il-ġestjoni tar-reklutaġġ tagħha.

Fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għall-infiq taħt Orizzont 2020, il-Kunsill jiddispjaċih li f'każ wieħed il-Qorti sabet żball serju, li rriżulta minn spiża tal-persunal iddikjarata żżejjed mill-benefiċjarju. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistieden lill-Impriża Konġunta biex timplimenta miżuri korrettivi u timmitiga tali riskji fil-futur.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL
ta'
dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv
tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea (EU-Rail)
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit
tal-Impriża Konġunta EU-Rail
għas-sena finanzjarja 2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/2085 tad-19 ta' Novembru 2021 li jistabbilixxi l-Impriżi Konġunti fil-qafas ta' Orizzont Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 219/2007, (UE) Nru 557/2014, (UE) Nru 558/2014, (UE) Nru 559/2014, (UE) Nru 560/2014, (UE) Nru 561/2014 u (UE) Nru 642/2014¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta EU-Rail adottati mill-Bord ta' Tmexxija tagħha fil-21 ta' Diċembru 2021,

¹ ĠU L 427, 30.11.2021, p. 17.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2022 u l-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2022 tal-Impriża Konġunta EU-Rail, minn hawn 'il quddiem l-"Impriża Konġunta", kif ukoll ir-rapport mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2022, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Impriża Konġunta għall-osservazzjonijiet tal-Qorti¹,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2022 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-rakkomandazzjoni; Billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami ta' hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ ĠU C, C/2023/1025, 16.11.2023.

KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW
IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA
TINGĦATA
LILL-IMPRIŻA KONĠUNTA SISTEMA FERROVJARJA EWROPEA (EU-Rail JU)

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2022 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Minkejja dan, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jieħu nota tas-sejba tal-Qorti li ma ġietx żvelata biżżejjed informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-Impriża Konġunta, li jagħmilha diffiċli li jiġu rikonċiljati l-kontribuzzjonijiet tal-UE fi flus kontanti u in natura u l-kisba tal-miri ta' kontribut legali tal-programmi rispettivi fi tmiem is-sena. Il-Kunsill għalhekk jilqa' l-fatt li l-Impriża Konġunta biħsiebha ssolvi bis-sħiħ din il-kwistjoni fil-kontijiet annwali tas-sena d-dieħla. Il-Kunsill jistieden lill-Impriża Konġunta biex tikkollabora mal-Kummissjoni sabiex tirċievi appoġġ fil-ħidma tagħha fuq mudell armonizzat għall-kontijiet annwali f'dan ir-rigward.

Il-Kunsill jinnota bi tħassib ir-rata baxxa ħafna ta' implimentazzjoni għall-approprijazzjonijiet ta' pagament operazzjonali taħt il-programm Orizzont 2020 ta' 47 %, kif ukoll il-posponiment tal-biċċa l-kbira tal-proġetti u l-pagamenti finali rispettivi tagħhom għall-2023, minħabba problemi ta' konsenja relatati mal-COVID-19 u ż-żieda fl-ispejjeż li jiffaċċaw il-benefiċjarji tiegħu. Il-Kunsill jaqsam it-tħassib tal-Qorti li l-ġestjoni ta' diversi programmi tal-QFP tista' simultanjament ddgħajfef l-effettività tal-kontrolli interni tal-Impriża Konġunta u l-ġestjoni tagħhom ta' dawn il-fondi, u ddewwem l-implimentazzjoni tal-programmi l-ġodda, u għalhekk jistieden lill-Impriża Konġunta tieħu azzjonijiet korrettivi, anke biex tevita effetti konsegwenzjali fuq programmi ġodda.

Fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għall-infiq taħt Orizzont 2020, il-Kunsill jiddispjaċih li f'każ wieħed il-Qorti sabet żball serju, li rriżulta minn spiża tal-persunal iddikjarata żżejjed mill-benefiċjarju. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jistieden lill-Impriża Konġunta biex timplimenta miżuri korrettivi u ttejjeb is-sistemi tagħha ta' ġestjoni u kontroll tal-ġhotjiet biex timmitiga r-riskju ta' tali żbalji.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL
ta'
dwar il-kwittanza li għandha tingħata lid-Direttur Eżekuttiv
tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC)
fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit
tal-Impriża Konġunta EuroHPC
għas-sena finanzjarja 2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488¹, u b'mod partikolari l-Artikolu(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta EuroHPC adottati mill-Bord ta' Tmexxija tagħha fl-20 ta' Frar 2020,

¹ ĠU L 256, 19.7.2021, p. 3.

Wara li eżamina l-kontijiet tad-dħul u n-nefqa għas-sena finanzjarja 2022 u l-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2022 tal-Impriża Konġunta EuroHPC, minn hawn 'il quddiem l-"Impriża Konġunta", kif ukoll ir-rapport mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2022, akkumpanjat mit-tweġibiet tal-Impriża Konġunta għall-osservazzjonijiet tal-Qorti¹,

Billi l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tas-sena finanzjarja 2022 jitolbu ċerti kummenti mill-Kunsill, li huma annessi għal din ir-rakkomandazzjoni; Billi l-Kunsill jenfasizza l-importanza li jagħti li jkun hemm segwitu għal dawn il-kummenti,

Billi, wara l-eżami ta' hawn fuq, l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta hi tali li tippermetti li tingħata kwittanza fir-rigward ta' dik l-implimentazzjoni,

B'DAN JIRRAKKOMANDA lill-Parlament Ewropew biex jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2022.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ ĠU C, C/2023/1025, 16.11.2023.

KUMMENTI LI JAKKUMPANJAW
IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL DWAR IL-KWITTANZA LI GĦANDHA
TINGĦATA
LILL-IMPRIŻA KONĠUNTA GĦALL-COMPUTING TA' PRESTAZZJONI GĦOLJA
EWROPEW (EuroHPC JU)

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon l-opinjoni tal-Qorti li, fl-aspetti materjali kollha, il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta jippreżentaw b'mod ġust il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2022 u r-risultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi ta' flus tagħha u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li kienet intemmet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti għall-2022 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Minkejja dan, jeħtieġ li jsiru xi osservazzjonijiet.

Il-Kunsill jieħu nota tas-sejba tal-Qorti li ma ġietx żvelata biżżejjed informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-Impriża Konġunta, li jagħmilha diffiċli li jiġu rikonċiljati l-kontribuzzjonijiet tal-UE fi flus kontanti u in natura u l-kisba tal-miri ta' kontribut legali tal-programmi rispettivi fi tmiem is-sena. Il-Kunsill għalhekk jilqa' l-fatt li l-Impriża Konġunta biħsiebha ssolvi bis-sħiħ din il-kwistjoni fil-kontijiet annwali tas-sena d-dieħla. Il-Kunsill jistieden lill-Impriża Konġunta biex tikkollabora mal-Kummissjoni sabiex tirċievi appoġġ fil-ħidma tagħha fuq mudell armonizzat għall-kontijiet annwali f'dan ir-rigward.

Il-Kunsill jiddispjaċih li l-mira tal-kontribuzzjoni tal-membri privati mhux ser tintlaħaq għall-programm Orizzont 2020 u jistieden lill-Impriża Konġunta biex tirrimedja u timmitiga tali riskju għall-QFP attwali.

Il-Kunsill jiddispjaċih u jinsab imħasseb dwar ir-rata ta' implimentazzjoni ta' 79 % għall-approprijazzjonijiet ta' impenn u r-rata baxxa ħafna ta' implimentazzjoni ta' 24 % għall-approprijazzjonijiet ta' pagament, ġustifikata minn dewmien fl-akkwist, sejħa għal proposti, kif ukoll talbiet dwar l-ispejjeż mill-benefiċjarji. Barra minn hekk, il-Kunsill jiddispjaċih dwar ir-rata baxxa ta' implimentazzjoni tan-nefqa amministrattiva tal-Impriża Konġunta, ta' 45 % għall-impensi u 37 % għall-pagamenti, prinċipalment minħabba n-nuqqas ta' twettiq tal-pjan ta' reklutaġġ. Il-Kunsill għalhekk jistieden lill-Impriża Konġunta biex tiegħu azzjonijiet korrettivi billi ttejjeb il-ġestjoni u l-ippjanar tal-baġit tagħha, kif ukoll billi tinforza l-pjan ta' azzjoni għar-reklutaġġ.

Fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll għall-infiq taħt Orizzont 2020, il-Kunsill jilqa' l-fatt li t-tranżazzjonijiet, li l-Qorti ħadet kampjun tagħhom, huma ħielsa minn żbalji sinifikanti u dgħufijiet fil-kontroll, u jilqa' wkoll l-impenn tal-Impriża Konġunta li ssegwi d-dgħufija identifikata fir-reġistrazzjoni tal-ħin.